MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 800/2005

**All Sports International Limited**

**vs**

**Kunsill Lokali Mosta**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi l-Kunsill konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' disa' t'elef tmien mija u ghaxar Liri Maltin (Lm9,810) rapprezentanti servizzi rezi u xoghol moghti mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni mat-*tender* "*Replacement of Artificial Turf at Ta' Lghajba Football Ground*" fuq inkarigu specifiku tal-konvenut, kif jidher mid-dokument immarkat dok 'A' hawn anness, liema ammont huwa sa llum mhux imhallas;

Illi *nonostante* li gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas is-somma ta' disa' t'elef tmien mija u ghaxar liri Maltin (Lm9,810), u dan anki permezz ta' ittra ufficjali datata sebgha (7) ta' Lulju 2005 kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata dok 'B', il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 *et sequentia* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) *stante* li dan il-kreditu ta' disa' t'elef tmien mija u ghaxar Maltin (Lm9,810) huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici, il-konvenut m'ghandux ebda difiza valida x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont, u dan kif jidher mill-affidavit immarkat dok. 'C' hawn anness.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici tablet li Kunsill Lokali konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u taghti sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 *et sequentia* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur versu l-attrici fis-somma ta' disa' t'elef tmien mija u ghaxar liri Maltin (Lm9,810);

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex minnufih ihallas is-somma ta' disa' t'elef tmien mija u ghaxar Liri Maltin (Lm9,810).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 2005, kif ukoll bl-imghax legali, kollox kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghal kwalunkwe azzjoni spettanti lis-socjeta' attrici kontra l-Kunsill konvenut a bazi tat-*tender* fuq imsemmi.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-Kunsill Lokali konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat ta' tas-socjeta' attrici;

Semghet ix-xhieda ta' Dione Mercieca rapprezentant tas-socjeta` attrici fejn biha rriduca it-talba ghall-tmien mitt Liri Maltin (Lm800) *stante* pagament akkont fil-mori tal-kawza, u dan fis-sens li fix-xhieda tieghu datata 23 ta' Marzu 2006 sostna li baqa' biex jithallas l-ammont ta' Lm800 bhala *sorte*;

Ezaminat l-atti tal-kawza u rat il-verbali kollha inkluz dak tallum stess.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, fil-kontumacja tal-Kunsill Lokali konvenut, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici b'dan illi:

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur versu l-attrici fis-somma ta' tmien mitt liri Maltin (Lm800);

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex minnufih ihallas is-somma ta' tmien mitt Liri Maltin (Lm800).

Bl-ispejjez kontra l-Kunsill Lokali Mosta konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------